# AFFARIJIET LI MORALMENT MA FIHOM XEJN ĦAŻIN IMMA RELIĠJOŻAMENT HUMA ĦŻIENA

Minn
George Ebejer

## AFFARIJIET LI MORALMENT MA FIHOM XEJN ĦAŻIN IMMA RELIĠJOŻAMENT HUMA ĦŻIENA

Xi affarijiet huma ħżiena fihom infushom. Minn dejjem kien ħażin li tigdeb, tisraq, toqtol, u li tikkommetti adulterju. Hemm dnubiet kontra l-ġirien tagħna. Dawn jiksru l-liġi morali. Għalhekk, dawk li huma ħatja ta' dawn huma *immorali*.

Hemm affarijiet oħra li huma sewwa biss għaliex Alla ikkmandahom. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-kmandamenti għandhom x'jaqsmu mar-relazzjoni tagħna lejn Alla. Dawn huma prova tal-fidi tal-bniedem u ħafna minnhom huma kuntrarju għar-raġuni tal-bniedem. Fir-reliġjon aħna nimxu bil-fidi, u mhux bil-viżjoni (2 Korintin 5:7).

Ħaġa tista' tkun *moralment* tajba u fl-istess ħin mhux skond kif titlob u trid ir-*reliġjon*. Aħna għandna nirrispettaw il-liġijiet *reliġjużi* ta' Alla kif ukoll il-liġijiet *morali* Tiegħu. Ħafna jfallu jew jonqsu milli jagħrfu l-qima ta' Alla u s-servizz Lilu għaliex huma jħarsu lejn kollox b'ħarsa morali biss. Aħna għandna nħobbu u nirrispettaw lil Alla kif ukoll lill-ħbieb tagħna. Aħna għandna nħarsu lejn l-affarijiet spiritwali minn naħa spiritwali (1 Korintin 2:14). U ftakar li l-ħsibijiet ta' Alla huma ogħla minn dawk tal-bniedem. Alla jgħid,

> "*Għax ħsibijieti mhumiex ħsibijietkom, u lanqas triqati m'huma triqatkom, jgħid il-Mulej. Għax bħalma s-smewwiet huma ogħla mill-*

*art, hekk triqati huma ogħla minn triqatkom, u ħsibijieti minn ħsibijietkom"(Isaija 55:8-9).*

Il-profeta Ġeremija ddikjara:

"*O Mulej, jiena naf li l-bniedem m'għandux jedd fuq triqtu: u lanqas hu fil-bniedem li jimexxi l-passi tiegħu*" (Ġeremija 10:23).

Dak li l-bnedmin jaħsbu li hu tajjeb, jista' ma jkunx tajjeb f'għajnejn Alla. Aħna kkmandati biex:

"*Ippruvaw kollox: it-tajjeb żommuh, u fuq kollox warrbu kull xorta ta' ħażen*" (1 Tessalonikin 5:21).

Aħna għandna nfittxu fl-Iskrittura u nippruvaw li dak li aħna ngħallmu u nipprattikaw ikunu jaqblu u li huma f'armonijia waħda. Dak li wieħed jista' jaħseb li hu t-triq it-tajba fil-fatt jista' jkun diżastruż. Il-Bibbja tgħid hekk dwar dan:

"*Hemm triq li tidher dritta lill-bniedem, iżda fl-aħħar tagħha triq il-mewt*" (Pro-verbji16:25).

Ħafna nies illum huma ħatja, kif xi wħud kienu meta Ġuda 10 kien miktub, li kienu jimxu wara ħwejjeġ tal-ġisem u xewqat fiżiċi—kienu maħkuma b'dak li huma "jafuh min-natura."

"*Dawn in-nies imma, iżebilħu saħansitra dawk il-ħwejjeġ li ma jifhmux fihom, u dak kollu li jafuh min-natura bħall-bhejjem bla dehen, jiswielhom għat-telfien.*" (Ġuda 10).

Aħna m'għandniex inkunu maħkuma fl-adorazzjoni tagħna u s-servizz lil Alla b'dak li "aħna nħobbu u li jogħġobna," u b'dak li jappella għalina; jew b'sens-azzjoni fiżika li tħabbat fil-ġisem tagħna. Aħna għan-dna nkunu maħkuma minn dak li l-Ispirtu s-Santu irrivela fil-Bibbja għall-ispirti tagħna biex naqraw u nifhmu. Ġesù qal:

> "*Hu l-ispirtu li jagħti l-ħajja, il-ġisem ma jiswa għal xejn. Il-kliem li jiena għedtilkom huwa spirtu u ħajja*" (Ġwanni 6:63).

Ħalli aħna nagħmlu l-aħjar tagħna biex naraw l-affarijiet minn naħa ta' Alla, nagħtu qima u nkunu maħkuma mir-rieda Tiegħu kif inhi rrivelata fil-Bibbja Mqaddsa.

Ħalli issa naraw flimkien xi affarijiet li huma *mora-lment* sewwa imma *reliġjożament* ħżiena.

## TIEKOL IL-FROTT

Mhuwiex moralment ħażin li tiekol il-frott. Anzi, għal kuntrarju huwa tajjeb għas-saħħa. Il-frott ħalqu Alla u kull ma ħalaq Alla hu tajjeb (1 Timotju 4:4). Madankollu, Adam u Eva dinbu billi għamlu dan, jiġifieri, billi kielu frotta (Ġenesi 3:1-24). Għaliex dan kien ħażin? Dan kien ħażin għaliex Alla kien ordna-lhom biex ma jagħmlux dak. Id-dnub huwa ksur tal-liġi (1 Ġwanni 3:4). Li tikser liġi morali huwa li tik-kommetti dnub *immorali*. Li tikser liġi reliġjuża huwa li ssir ħati ta' dnub *reliġjuż*. Alla jitlob li l-bniedem jirrispetta u jobdi l-liġi reliġjuża kif ukoll il-liġi

morali. Eva naqset milli tagħmel dan billi ma obdietx il-kmand ta' Alla. Ħafna llum qegħdin jimxu wara l-passi tagħha.

## SULTAN IQABBAD L-INĊENS

Fit-Tieni Kronaki 26:16-18 naqraw hekk:

> "*Iżda meta tqawwa, qalbu hekk tkabbret li tħassar, u dineb kontra l-Mulej, Alla tiegħu, u daħal fit-tempju tal-Mulej jaħraq l-inċens fuq l-artal ta' l-inċens. U Għażarija, il-qassis, daħal warajh, u miegħu tmenin qassis tal-Mulej, li kienu rġiel ta' ħila: U waqqfu lil Għużżija, is-sultan, u qalulu: Mhux inti, Għużżija, li taħraq l-inċens lill-Mulej, imma l-qassisin ta' wlied Arun, li huma mqaddsin biex jaħarqu l-inċens! Oħroġ mis-santwarju, għax int dnibt, u dan ma jagħmel l-ebda ġieh lilek quddiem il-Mulej Alla.*"

B'konsegwenza għad-dizubbidjenza tiegħu, is-sultan Għużżija tfaċċalu fuq ġbinu ġdim u hu miet imġiddem b'riżultat tad-dnub tiegħu (2 Kronaki 26:19-23).

Is-sultan Għużżija ma wettaq ebda att ta' *immoralità* fil-qbid ta' l-inċens. Hu biss kiser liġi *reliġjuża* ta' Alla, imma, madankollu, hu dineb. Li taħraq l-inċens kien dover tal-qassis u mhux tas-sultan. Alla hekk ordna. Kulħadd kellu jirrispetta l-liġi ta' Alla.

Illum il-liġi ta' Alla qed tiġi mwarrba fil-ġenb u post-ha qiegħed ikun meħud mil-liġi tal-bniedem!

## EBDA INĊENS ILLUM

Madankollu, illum, il-qima għall-knisja tat-Testment il-Ġdid hija rrivelata b'mod ċar fit-Testment il-Ġdid u mhux fil-Qadim; u aħna m'għandna ebda awtorità biblika biex naħarqu l-inċens waqt il-qima tagħna—ebda wieħed ma hu awtorizzat biex jagħmel dan. Dawk kollha li jużaw l-inċens fil-qima tagħhom qegħdin imorru kontra l-Kelma ta' Alla u għad iridu jagħtu kont Lilu (2 Korintin 5:10). Illum aħna naraw il-qassis Kattoliku jinċensa l-artal, l-istess kif kien isir fit-Testment il-Qadim. Dak huwa ksur tal-liġi ta' Alla għalina llum li nsibuha fit-Testment il-Ġdid. L-inċens tagħna llum huwa t-talb tagħna lil Alla (Rivelazzjoni 5:8). Aħna għandna npoġġu fil-qima tagħna dawk l-atti biss awtorizzati mill-appostli ispirati u li nsibu-hom miktuba fit-Testment il-Ġdid. (Ġwanni 20:31; 1 Korintin 4:6; Galatin 1:6-9; 2 Ġwanni 2:9-11).

## OFFERTA TA' NAR MHUX TAS-SOLTU

F'Levitku 10:1-2 għandna eżempju ieħor ċar ħafna dwar dak li qegħidu. Hawn naqraw hekk:

> "U *Nadab u Abihu, ulied Arun, ħadu ċensier kull wieħed, u qiegħdu fihom in-nar, u tefgħu l-inċens fihom, u offr-ew nar mhux imqaddes quddiem il-Mu-lej, li ma kienx ordnalhom. U ħareġ nar minn quddiem il-Mulej, u ħaraqhom, u mietu quddiem il-Mulej.*"

Hawn aħna għandna eżempju ieħor dwar ħaġa li *moralment* ma kien fiha xejn ħażin imma *reliġjoża-ment* kienet ħażina. Ebda att ta' immoralità ma kien ġie magħmul billi offrew nar stramb, madakollu, dan kien dnub. Skond l-istorja, kull ma huma għamlu kien li offrew nar li Alla ma kienx ikkmanda. Alla qal lil Adam u lil Eva speċifikament biex ma jieklux mill-frott mis-siġra tan-nofs tal-ġnien. Alla ma kkmandax lil Nadab u Abihu biex MA joffrux nar stramb; iżda Hu ta struzzjonijiet ta' xi KWALITÀ ta' nar għandu jkun OFFRUT. Dan ipprojbixxa kull xorta ta' nar ieħor.

Aħna għandna nimxu wara l-istruzzjonijiet pożittivi tal-Mulej. Jekk Hu ma awtorizzax xi ħaġa fil-qima, aħna m'għandiex nużawha fil-qima. Li tqim jew tadu-ra u s-servi lil Alla kif jixtieq Hu fil-Kelma tiegħu hu-wa li timxi bil-fidi. Li tippresumi li xi ħaġa oħra tista' togħġob lil Alla wkoll tkun qiegħed timxi fuq il-passi ta' Nadab u Abihu u b'hekk tkun qiegħed tikkommetti dnub reliġjuż.

## ĠBIR TAZ-ZKUK

Raġel tilef ħajtu talli ġabar iz-zkuk f'jum tas-Sibt. Naqraw f'Numri 15:32-36,

> "*U wlied Iżrael, huma u kienu fid-deżert, sabu wieħed ilaqqat il-ħatab nhar ta' Sibt. U dawk li sabuh ilaqqat il-ħatab ressquh quddiem Mosè u Arun, u quddiem il-miġemgħa kollha. U qegħduh fil-għassa, għax ma kienx inqata' x'għandhom jagħmlu minnu. U l-Mulej*

*qal lil Mosè: Għandu jingħata l-mewt dak ir-raġel: tħaġġru l-miġemgħa kollha barra mill-kamp. U l-miġemgħa kollha ħarġitu barra mill-kamp, u ħaġġruh; u miet, bħal ma ordna l-Mulej lil Mosè.*"

Li tiġbor iz-zkuk mhwiex att ta' *immoralità*. Dan ir-raġel ma għamel ebda ħsara lil sħabu. Iżda, hu tilef ħajtu għaliex dineb billi kiser il-liġi ta' Alla. Dak ir-raġel ikkommetta dnub *reliġjuż* billi kiser il-liġi tas-Sibt. Ġbir ta' zkuk fil-jum tas-Sibt ma kien fih xejn ħażin *moralment* iżda *reliġjożament* kien ħażin.

Madankollu, is-Sibt u l-liġi tas-Sibt it-tnejn kienu msammrin mas-salib meta Kristu kien imsallab (Kolo-ssin 2:14-17; 2 Korintin 3:6-14), u aħna ma ninsabu taħt l-ebda wieħed minnhom illum. Aħna għandna l-eżempju għat-tagħlim tagħna li aħna għandna nobdu l-liġijiet *reliġjużi* ta' Alla—bl-istess għaqal u attenz-joni kif aħna għandna nobdu l-liġijiet *morali* Tiegħu.

## TIBXIX GĦALL-MAGĦMUDIJA

Tibxix ta' l-ilma ma jikser ebda liġi *morali*. Mhuwiex *moralment* ħażin li tbixx l-ilma fil-ġnien, jew fuq il-ħwejjeġ għall-mogħdija. Mhuwiex *moralment* ħażin li tagħti doċċa lit-tarbija. Iżda, meta *t-tibxix* jiġi mibdul għall-magħmudija, dan immedjatament isir dnub *reliġjuż*, ksur tal-liġi ta' Alla! (1 Ġwanni 3:4).

### It-Trabi Mhumiex Suġġetti Ippreparati

Il-magħmudija hija l-metodu sabiex ikollok id-dnubiet tal-passat maħfura (Atti 2:38; 22:16). Tarbija m'għandix dnubiet x'jinħafrulha, għalhekk, hi m'għandix bżonn li tkun mgħammda. Qabel ma persuna tkun tista' titgħammed bl-awtorità ta' Kristu, hi l-ewwel tkun trid tiġi mgħallma (Mattew 28:19). Tarbija ma tistax tkun mgħallma l-Evanġelju, għalhekk, hi ma tistax tkun mgħammda skond l-Iskrittura. Persuna trid tindem minn dnubietha (Luqa 13:5), u tistqarr il-fidi tagħha fi Kristu (Mattew 10:32), bil-fomm (Rumani 10:10)—tarbija ma tista' tagħmel l-ebda waħda minn dawn. Għalhekk, it-trabi ma jistgħux jitgħammdu skond l-Iskrittura Mqaddsa! Barra minn dan, la hemm kmand u l-anqas eżempju wieħed fil-Bibbja kollha għaliex għandek tgħammed lit-tarbija. Sal-lum ma hemmx provi. Ukoll l-iskulari ġenwini li jipprattikaw dan jammettu li ma hemmx awtorità Skritturali biex tagħmel dan, jiġifieri, tgħammed lit-trabi.

Dawn huma xi kwotazzjonijiet minn skulari:

> "Ma hemm ebda kmand ċar, jew regola, mo-għtija fit-Testment il-Ġdid għall-magħmudija tat-trabi." Isqof Burnett : "Spjegazzjoni ta' Disa'-u Tlettin Artiklu, Art. XXVII.

> "Fost il-persuni kollha li huma mniżżla li ġew mgħammdin mill-Appostli ma hemm l-ebda tifsira msemmija ta' xi tarbija." Dr. Wall, Storja tal-Magħmudija tat-Tibxix, Intro. P. 1.

“Ma jistax jiġi ppruvat mill-Iskrittura Sagra li l-magħmudija tat-trabi kienet “imwaqqfa minn Kristu,” jew bdiet mill-ewwel Kristjani wara l-Appostli.” Luteru, Vanità tal-Magħ-mudija tat-Trabi, Parti 2, p. 8.

“Ma hemm l-ebda sinjal dwar il-magħmudija tat-trabi fit-Testment il-Ġdid.” Meyers, Luter-an.

“Huwa sewwa li tammetti li l-Iskrittura ma tikkmandaniex biex ngħammdu lit-tfal.” Kar-dinal Newman, Kattoliku.

“Jixraq li huma jiddikjaraw li l-magħmudija tat-trbi kienet prattika mhux magħrufa mill-Appostli” Alford, Episkopali.

“Bit-tfittix tagħna kollu aħna ma stajniex insibu dikjarazzjoni waħda mfissra jew kelma favur il-magħmudija tat-trabi.” Dr. Bledsoe, Metodist Episkopali.

“*Id-**drawwa*** tal-magħmudija tat-trabi hi *drawwa* ġejja mill-imgħoddi mbiegħed tal-Knisja…” Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1252, p. 312. ara wkoll 1251; enfasi tiegħi).

Dawn il-kwotazzjonijiet kollha huma magħmula minn nies li jemmnu u jipprattikaw il-magħmudija

tat-trabi, imma mhumiex lesti li jawarrbuha għalkemm huma jafu li mhix ordnata minn Alla!

## TIBXIX MHUWIEX MAGĦMUDIJA

Tibxix ta' ftit qtar ta' ilma fuq ras tarbija jew fuq ras ta' xi persuna oħra letteralment u Skritturalment mhuwiex magħmudija. Letteralment għaliex il-kelma magħmudija fit-Testment il-Grieg hija *baptizo* li tfisser immersjoni u Skritturalment għaliex imkien fl-Iskrittura ma hemm li t-trabi għandhom ikunu mgħammdin. L-appostlu Pawlu jgħid hekk dwar il-mod tal-magħmu-dija,

> "*Indifinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida*" (Rumani 6:4; ara wkoll Kolossin 2:12).

Il-magħmudija letterali u Skritturali hija kemm *difna* u kemm *qawmien*—tibxix ta' l-ilma fuq ir-ras la huwa difna u lanqas qawmien! Id-definizzjoni ta' kelma tis-ta' tiġi mibdula għall-kelma nnifisha u dejjem tagħ-mel sens komplut. Ħalli nagħti prova ta' dan:

> "*Indifinna miegħu* ***fil-mewt*** *permezz* ***tat-tibxix***"

Taħseb int li dan jaqbel mal-mewt ta' Ġesù Kristu? Ċertament li ma jaqbel xejn! Issa ħalli naraw eżempju ieħor:

> "*Imbagħad ordna li jwaqqfu l-karru, **niżlu t-tnejn fl-ilma**, hu u Filippu, u dan għammdu*" *(Atti 8:38).*

Meta Fillippu għammed lil ewnuku, huwa *difnu* u *qajmu* biex jgħix ħajja ġdida. X'kien il-bżonn li "niżlu t-tnejn fl-ilma" li kieku l-magħmudija hija bit-tibxix, ftit qtar ta' l-ilma fuq ir-ras u mhux immersjoni? Il-magħmudija hija difna u dan huwa bżonjuż għall-ma-għmudija biex tkun magħmudija! Kieku Filippu bexx l-ilma fuq l-ewnuku, kieku hu ma kienx ikollu għal-fejn jinżel fl-ilma biex jagħmel dan. Barra minn dan, il-kelma Griega *rantizo* u mhux il-kelma *baptizo* kien-et tiġi wżata li tfisser tibxix jew li tbixx l-ilma.

Tibxix, għalhekk, huwa sostituzzjoni għall-magħm-udija Skritturali. Dawk li ġew sempliċiment magħm-mdin b'dak il-mod (bit-tibxix) mhumiex mgħammda Skritturalment, jiġifieri, skond kif ordna l-Mulej tagħ-na Ġesù Kristu, u għalhekk huma għadhom ma obd-ewx il-kmand Tiegħu meta qal,

> "*Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundan-nat*" (Mark 16:16).

Dan il-kliem juri bl'aktar mod ċar li wieħed l-ewwel għandu jemmen u wara jitgħammed biex isalva. Tarb-ija dan ċertament li ma tistax tagħmlu għaliex hi ma tistax temmen. Lanqas ma jista' xi ħadd (bħall-parri-nu) jitkellem għaliha għaliex Alla jgħidilna fil-Kelma tiegħu li:

> "*Jinħtieġ li lkoll kemm aħna nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu, ħalli kul-ħadd jieħu skond it-tajjeb jew il-ħażin* ***li jkun għamel*** *meta kien għadu ħaj fil-ġisem*" (2 Korintin 5:10).

Għal darb'oħra, ċertament li dan ma jistax japplika għal tarbija! Tarbija hija salva (Mark 10:13-16; Luqa 18:15-17).

Ezempju ieħor dwar dan li jurina *min* għandu jit-għammed insibuh f'Lhud 5:9 fejn naqraw,

> "*U, billi laħaq il-perfezzjoni, sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem* ***għal kull min jisma' minnu****.*"

Il-magħmudija hija kmand:

> "*U* **ordna** *li jitgħammdu fl-isem ta' Kristu…*" (Atti 10:48).

Tista' tordna lil tarbija biex titgħammed? Il-magħmu-dija mhux biss hija att ta' ubbidjenza imma wkoll hija espressjoni tal-fidi, u mħabba. Tibxix hu att ta' rvell kontra Alla—kollu kemm hu tradizzjoni tal-bnedmin.

Ma hemmx prova waħda fil-Bibbja kollha li ilma pur, mhux imħallat b'xi ngredjenti oħra, qatt xi darba ġie mbexxex fuq xi ħadd, f'kull żmien, għal xi raġuni jew skop reliġjuż!

Xi wħud jaħsbu li Eżekjel 36:25 jgħallem it-tibxix. Dawn il-fatti li ġejjin juru li dan mhux minnu. (1) Kien miktub waqt li wlied Iżrael kienu fil-jasar. (2) Huma kellhom jirritornaw u dan kellu jkun imwettaq f'arthom stess.

*"Għaliex jiena noħroġkom minn fost il-ġnus, u niġmagħkom mill-artijiet kollha, u nġibkom f'artkom. Imbagħad inroxx fuqkom ilma nadif u tindafu: mill-inġiesa tagħkom kollha, u mill-idoli kollha tagħkom, nippurifikakom*" (Eżekjel 26:24-25).

(3) Dan seħħ meta l-Iżraelin marru lura lejn art twelidhom, u qabel il-miġja ta' Kristu. (4) Dan l-ilma msejjaħ bħala "ilma nadif" kien imħallat bl-irmied ta' baqra ħamra, irmied ta' njam taċ-ċedru, żuf u skarlat (Numri 19:1-19). U kien użat għall-purifikazzjoni taħt il-liġi ta' Mosè. Dan m'għandu x'jaqsam assolutament xejn mal-magħmudija ta' l-Evanġelju. Aħna għandna niġu lejn it-Testment il-Ġdid biex nitgħallmu kif insalvaw.

Dawk li jipprattikaw it-tibxix mhumiex *immorali* b'dan; iżda dan huwa *reliġjożament* ħażin. Il-verità teħilsek, jgħidilna l-Mulej (Ġwanni 8:32); iżda l-verità għandha tkun emmnuta (2 Tessalonikin 2:12) u obdu-ta (1 Pietru 1:22).

*"U billi laħaq il-perfezzjoni, sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem* ***għal kull min jisma' minnu***" (Lhud 5:9)

*Tibxix* għall-magħmudija mhuwiex kmand ta' Ġesù Kristu. *Immersjoni* għall-maħfra tad-dnubiet huwa l-kmand Tiegħu! Jekk xi ħadd jagħmel differenti dan ikun qiegħed jidneb għaliex ikun qiegħed jikser il-kmand tal-Mulej (1 Ġwanni 3:4; Luqa 6:46). *Moralment* it-tibxix ma fih xejn ħażin, imma *reliġjożament*

huwa dnub għaliex huwa ksur tal-liġi tal-Mulej! (1 Ġwanni 3:4).

## MAGĦMUDIJA GĦAL SKOP ĦAŻIN

L-istess Bibbja li tgħallimna li Kristu ordna l-magħmudija tgħidilna wkoll x'inhu l-iskop tal-magħmudija. Il-bnedmin jgħidu li l-magħmudija hija sinjali li jidher, ta' barra ta' grazzja interna; iżda l-Bibbja ma tgħidx hekk. Il-bnedmin jgħidu li din hija eżempju lid-dinja; iżda l-Kelma ta' Alla ma tgħallimx li hija hekk. Oħrajn jgħidu li aħna għandna nitgħammdu għaliex Kristu kien mgħammed. Fejn jinsab tagħlim bħal dan fil-Bibbja? Dan ma jinsabx fil-Bibbja. Imma oħrajn jgħidu li l-magħmudija hija opra u aħna ma nistgħux insalvaw bl-opri tagħna għalhekk il-magħmudija mhijiex għas-salvazzjoni. Imma dwar dan il-Bibbja ma tgħid xejn lanqas! Għal kuntrarju, il-Bibbja tgħidilna ċar x'inhi l-magħmudija u x'tagħmel:

> "*Lil dawk li darba ma obdewx, meta s-sabar ta' Alla kien jistenna fi żmien Noè, waqt li l-arka kienet qiegħda tinbena, li fiha ftit, jiġifieri tmienja minnies,* ***salvaw bl-ilma****. U l-magħmudija,* ***li hi xbieha ta' dan, ISSALVANA ISSA WKOLL*** *mhux bit-tneħħija tal-ħmieġ tal-ġisem, imma* ***bi tweġiba ta' kuxjenza tajba 'l Alla****, bil-qawma ta' Ġesù Kristu minn bejn l-imwiet*: (1 Pietru 3:19-20; Enfasi tiegħi).

Aħna mgħammdin BIEX INSALVAW permezz ta' Kristu. Ġesù qal,

> "*Min jemmen U JITGĦAMMED ISALVA*" (Mark 16:16).

Pietru jgħid b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu li l-magħmudija "*issa issalvana wkoll.*" Jekk persuna trid li ssalva, hija mhux biss għandna temmen, imma għandha wkoll **titgħammed**. Min isalva? Ġesù jsalva (Mattew 1:21); imma Ġesù jsalva biss lil ubbidjenti (Lhud 5:9). Il-magħmudija hija kmand u prova ta' fidi mpoġġija bejn il-midneb u s-salvazzjoni. Madankollu, mhuwiex l-ilma li jsalva, imma Ġesù.

Ubbidjenza għandha tkun mill-qalb (Rumani 6:17-18). Parti mill-qalb hi l-għarfien (Mattew 13:35). Għa-lhekk meta persuna tkun mgħallma li hija salva qabel u mingħajr il-magħmudija u mbagħad aktar wara tkun mgħammda għal skop ieħor, dan ma jkunx mill-qalb għaliex ma jkunx bl-għarfien xieraq. Barra minn dan, meta persuna tistqarr li hi salva qabel ma tkun tgħam-mdet, hija b'dan għalhekk tikkontradixxi l-patt tal-maħfra kif inhu mqiegħed mill-Mulej. Ġesù jgħid li persuna ma tkunx salva SAKEMM hija temmen U TITGĦAMMED. L-Ispirtu s-Santu jgħid, permezz ta' Pietru li kemm l-indiema u kemm il-magħmudija hu-ma t-tnejn *għall-maħfra tad-dnubiet*:

> "*Imbagħad Pietru qalilhom: INDMU, u kull wieħed minnkom JITGĦAMMED GĦALL-MAĦFRA TAD-DNUBIET, u taqilgħu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Atti 2:38).

Magħmudija għal xi skop ieħor mhijiex ħażina *moralment*, iżda *reliġjożament* hija ksur tal-liġi tal-Mulej u għalhekk ikun dnub f'għajnejn Alla li tagħmel dan! Il-magħmudija mhux biss hija difna kompleta tal-ġisem fl-ilma (Rumani 6:3-5; Kolossin 2:12; Atti 8:36-39), iżda hija għandha tkun ukoll għal skop tajjeb. Jekk l-iskop mhuwiex "għall-maħfra tad-dnubiet" (Atti 22:16) allura kull ma wieħed jagħmel meta jitgħammed ikun biss li jixxarrab bl-ilma.

## TQARBIN TAĦT SPEĊI WAĦDA

Li wieħed jiekol ħobż biss *moralment* ma fih xejn ħażin u ma jikser ebda liġi ta' Alla. Imma meta niġu għal l-Ikla tal-Mulej, dak li l-Kattoliċi jsejħulu "tqarbin" dan isir ħaġa oħra. Ġesù ordna dan biex aħna nagħmlu bħala *tifkira* Tiegħu:

> "*Huma u jieklu, Ġesù ħa l-ħobż f'idejh, qal il-barka, qasmu, newlu lid-dixxipli u qal: "Ħudu, kulu, dan hu ġismi." Imbagħad ħa l-kalċi f'idejh, radd il-ħajr, newlilhom il-kalċi u qal; "Ixorbu* ***lkoll minnu****, għax dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred għall-maħfra tad-dnubiet. Ngħidilkom, li ma nerġax nixrob iżjed minn dan il-frott tad-dielja sa dak in-nhar li nixrob inbid ġdid ma-għkom fis-Saltna ta' Missieri*" (Mattew 26:26-29; enfasi tiegħi).

Li wieħed ma jixrobx il-frott tad-dielja waqt l-Ikla tal-Mulej, (jew fit-tqarbin) dan ma jkun qiegħed jagħ-

mel xejn li jkun *immorali*. Imma *reliġjożament*, ikun dan qiegħed jagħmel ħażin jew le? Skond dak li qrajna mill-Vanġelu ta' Mattew, li wieħed jieħu l-frott tad-dielja (jew l-inbid) huwa *kmand* ta' Ġesù. Jekk dan ma jiħux l-inbid biċ-ċar ma jkunx qiegħed jobdi lil Ġesù Kristu. U ċertament li ma jobdix lill-Mulej allura dan ikun qiegħed jidneb (Ġwanni 14:15, 21, 23, 24). Il-kmand tal-Mulej huwa ċar:

"*...Ixorbu LKOLL minnu...*"

Ma jista' jkun hemm ebda skuża dwar dan. Li tinġieb l-iskuża li fil-ħobż hemm ukoll id-demm huwa li tgħid li Ġesù ma kienx jaf x'kien qiegħed jgħid. Imma Ġesù ordna biex aħna nieħdu kemm il-ħobż *u kemm il-frott tad-dielja*. Li wieħed jieħu l-ħobż biss dan *moralment* ma jidnibx imma *reliġjożament*, kif diġà għedt, ma jkunx qiegħed jobdi kmand ċar ta' Ġesù Kristu u għalhekk ikun qiegħed jidneb (Luqa 6:46).

## TALB LIL MARIJA U LILL-QADDISIN

Talb lil Marija u lill-qaddisin IMKIEN fl-Iskrittura kollha ma jinsab l-iċken ħjiel li għandu jsir. Li titlob lil Marija jew li xi qaddis magħmul mill-bnedmin ma fih xejn ħażin *moralment* imma li wieħed jagħmel dan ikun qiegħed imur direttament kontra l-kmand ċar ta' Ġesù Nnifsu u għalhekk ikun qiegħed jidneb *reliġjożament*. Il-Mulej tagħna Ġesù Kristu qalilna bl-aktar mod ċar *kif* u *lil min* aħna għandna nitolbu:

"*U meta titolbu, tkunux għal dawk ta' wiċċ b'ieħor, għax dawn iħobbu joqo-*

*għdu jitolbu fis-sinagogi iu f'salib it-toroq, biex jidhru quddiem in-nies. Tassew, ngħidilkom, li l-ħlas tagħhom ġa ħaduh.* ***Iżda int**, **meta titlob**, idħol fil-kamra tiegħek ta' ġewwa, agħlaq il-bieb warajk, u tilob **lil Missierek** li hu fil-moħbi; **u Missierek**, li jara dak li hu fil-moħbi, iroddluk **hu**.intom u titlobu toqogħdux tlabalbu bħall-pagani; dawn minn għalihom li, iktar ma jgħidu, iktar jinstemgħu.* ***Tkunux bħalhom**, għax **Missierkom** jaf x'taħtieġu, qabel ma titolbuh intom.* ***Mela itolbu hekk**:*

*'**Missierna** li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek, tiġi saltnatek, **ikun li trid int** kif fis-sema, hekkda fl-art.*

*Għax jekk intom taħfru lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, **Missierkom** li hu fis-smewwiet jaħfer lilkom ukoll. Imma jekk intom ma taħfrux lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, anqas **Missierkom** ma jaħfer il-ħtijiet tagħkom*" (Mattew 6:5-15; enfasi tiegħi).

Huwa dnub, nistaqsi jien, jekk flok il-kliem, **Missierek**, **Missierna**, **Missierkom**, **Hu**, xi ħadd iqiegħed Marija, jew xi isem ta' xi qaddis magħmul hekk mill-bnedmin? Lil min int sejjer jew sejra tobdi, lill-Mulej jew lill-bnedmin? Jekk int għandek xi dubju

dwar x'għandek tagħmel, aqra Atti 4:19 u Atti 5:29 u agħmel hekk!

Ma hemm xejn ħażin *moralment* li titlob lil Marija jew lill-qaddsin imma huwa *reliġjożament* dnub għaliex meta tagħmel dan int tkun qiegħed tikser il-liġi ta' Alla, u d-dnub huwa l-ksur tal-liġi (1 Ġwanni 3:4). Il-Kelma ta' Alla tgħidilna:

> "*Kull ma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu* ***kollox*** *f'isem il-Mulej Ġesù, u roddu ħajr lil Alla l-Missier premezz tiegħu*" (Kolossin 2:17).

U li titlob lil xi ħadd ieħor barra mill-*Missier* u f'isem Ġesù Kristu, il-Medjatur WIEĦED (1 Timotju 2:5) ċertament li mhuwiex *f'isem il-Mulej Ġesù*. Raġuni oħra illi li wieħed jitlob f'isem xi ħadd ieħor huwa dnub hija:

> "*…għax imkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandha nkunu salvi*" (Atti 4:12).

U, għax Ġesù jgħidilna:

> "*Jiena hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja. Ħadd ma jmur għand il-Missier* ***jekk mhux permezz Tiegħi***" (Ġwanni 14: 6).

Kull darba li l-bnedmin iżidu xi isem ieħor ma' l-isem ta' Ġesù Kristu dawn ikun qegħdin iġibu l-Kelma ta' Alla fix-xejn, ikunu qegħdin igiddbu lil l-Ispirtu s-Santu għaliex Hu qal bi kliem ċar li "*…ma hemmx isem ieħor mogħti lill-bnedmin…*" minn Alla. Li żżid

isem ieħor bħal Marija, Santa Rita, San Ġuda, u oħrajn *moralment* ma hemm xejn ħażin imma *reliġjożament* huwa dnub għaliex tkun qiegħed tikser il-Liġi ta' Alla! Tkun qiegħed twarrab fil-ġenb l-istruzzjoni ta' Ġesù dwar it-talb (Mattew 6:9) u tkun qiegħed tippreferi t-tagħlim tal-bnedmin! Il-Kelma ta' Alla tgħid-ilna li "MA HEMMX ISEM IEĦOR" allura taħseb int li Marija tieħu gost li xi ħadd iżid l-isem tagħha ma' dak ta' Kristu? Marija ma kinetx lesta li tmur kontra l-Kelma ta' Alla. Isma x'qalet Marija tal-Bibbja:

> "*Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni* ***skond kelmtek!***" (Luqa 1:38; enfasi tiegħi)

Kemm huma dwk li lesti jgħid l-kliem ta' Marija: "Ħa nimxi skond il-Kelma ta' Alla." Imma xi nies lesti li jimxu kontra l-Kelma ta' Alla u jobdu l-kelma tal-bnedmin! Ħaġa ta' l-iskantament hija, li dawn in-nies (u minn dawn hemm ħafna), lesti aktar li jobdu dak li jgħidulhom il-mexxejja reliġjużi tagħhom milli jobdu dak li jgħidilhom Sidna Ġesù Kristu! (Ara Atti 4:19; Atti 5:29).

## MUŻIKA STRUMENTALI

Ħafna jgħidu li huma ma jaraw xejn ħażin f'li tuża mużika strumentali fil-qima. L-iżball li jagħmlu dawn in-nies huwa l-istess żball li għamlu Nadab u Abihu fejn huma poġġew l-opinjoni tagħhom qabel il-kmand ta' Alla (Levitku 10:1-2). Huma qegħdin iħrasu lejn dan minn angolu *morali*. *Moralment* ma hemm xejn

ħażin f'li tuża orgni, pjanu, kitarra u strumenti mekkaniċi oħra fis-servizz ta' qima; *reliġjożament* huwa ħażin għaliex aħna mgħallma fil-Bibbja Mqaddsa biex naduraw lil Alla u l-Bibbja tgħidilna li aħna għandna narurawh skond l-istruzzjonijiet Divini. Il-Mulej tkel-lem dwar dan b'mod ċar ħafna meta qal,

> "*Imma tiġi siegħa, anzi issa hi, meta dawk li tassew jaduraw jibdew jaduraw lill-Missier* ***fl-ispirtu u l-verità****. Għax il-Missier ukoll, nies bħal dawn ifittex li jadurawh. Alla huwa spirtu, u dawk li jadurawh għandhom jadurawh fl-ispirtu u l-verità*" (Ġwanni 4:23-24).

Aħna għandna naduraw lil Alla *spiritwalment* u mhux *mekkanikament* u r-raġuni li tana l-Mulej hija għax "Alla huwa *spirtu*" u mhux xi Alla mekkaniku!

Aħna qegħdin taħt il-grazzja u l-verità ta' Kristu u mhux taħt it-Testment il-Qadim. David qal kanta u doqq; iżda aħna m'aħniex taħt David.

> "*Alla fl-imgħoddi kellem lil missirijiet-na ħafna drabi u b'ħafna manjieri per-mezz tal-profeti. Issa, f'dawn l-aħħar jiem, huwa kellimna permezz ta' Ibnu*" (Lhud 1:1).

Kristu issa għandu "L-awtorità kollha" (Mattew 28: 18). David u Mosè m'għandhom ebda awtorità llum! Għalhekk, aħna għandna nħarsu lejn Kristu u l-kit-tieba ispirati tat-Testment il-Ġdid biex insiru nafu kif għandna naduraw lil Alla llum.

## IL-KANT SPEĊIFIKAT

It-Testment il-Ġdid mhuwiex sieket dwar il-mużika fil-knisja. Dan jitkellem ċar ħafna. Hemm żewġ kwalitajiet ta' mużika—vokali u strumentali. Aħna ordnati biex nużaw il-kant fl-adorazzjoni tagħna llum:

> "*Kantaw flimkien salmi, innijiet u għana* ***spiritwali****; kantaw u għannu* ***minn qalbkom*** *lill-Mulej*" (Efesin 5:19).
>
> "*Ħalli l-bxara ta' Kristu tgħammar sħiħa fikom; għallmu bil-għerf kollu u widdbu lil xulxin b'salmi u innijiet u b'għana* ***spiritwali****, u b'radd il-ħajr kantaw* ***f'qalbkom*** *innijjiet lil Alla*" (Kolossin 3:16; enfasi tiegħi).

Xi wħud jippruvaw jiġġustifikaw il-każ tagħhom f'li jużaw strumenti mekkaniċi billi jgħidu li Alla ma qalx biex ma nużawhomx. Imma dan l-irraġunar huwa żbaljat għal kollox. Alla ikkmanda lil Noè biex jibni jew jagħmel arka mill-injam taċ-ċipress (Ġenesi 6: 14). Alla ma qalx lil Noè biex ma jużax fraxxnu, jew ċedru jew fagu, jew xi njam ieħor. Madankollu, meta Alla speċifika l-KWALITÀ ta' njam li għandu jkun użat, dan eskluda kull xorta ta' njam ieħor. Li kieku Noè minflok ċipress uża fraxxnu, *moralment* ma kien jagħmel ebda dnub imma *reliġjożament* kien jidneb għaliex ikun kiser il-kmand ta' Alla!

Ladarba kant huwa l-KWALITÀ ta' mużika li aħna ordnati biex nużaw, kull xorta oħra b'dan il-kmand hija mneħħija.

Mużika strumentali hi KWALITÀ oħra ta' mużika u allura m'għandix tintuża fil-qima. Li tużaha huwa dnub. Dan hu dnub tas-suppożizzjoni. Dan mhuwiex *immorali*, imma *reliġjożament* huwa dnub għaliex qiegħed tikser l-ordni ta' Alla. Dan huwa żieda mat-Testment ta' Kristu. Mużika strumentali tista' tintuża fid-dar, iżda mhux fis-servizz ta' qima lil Alla tal-knisja. Aħna nieklu ful, patata, tadam, eċċ., fid-dar u f'postijiet oħra, imma jkun dnub *reliġjuż* li fl-ikla tal-Mulej nieħdu ful jew patata jew tadam min-flok ħobż (1 Korintin 11:34). Il-Kelma ta' Alla tgħid-ilna hekk:

> "*Jekk xi ħadd jaqbeż 'il barra u ma jibqax fit-tagħlim ta' Kristu, dan ma għandux lil Alla fih. Imma min jibqa' fit-tagħlim, għandu l-Missier u l-Iben fih*" (2 Ġwanni 9).

Mużika strumentali mhix fit-tagħlim ta' Kristu u għal-hekk għandna nwarrbuha għal kollox. Dan li aħna nis-tgħu naħsbu li huwa tajjeb jista' jkun ta' periklu kbir għalina spiritwalment. Alla jekk hekk dwar il-fehmiet tiegħu u l-fehmiet tagħna:

> "*Il-fehmiet Tiegħi ma humiex fehmiet-kom, u t-triqat Tiegħi ma humiex triqa-tkom.—Oraklu tal-Mulej—Għax daqs-kemm huma ogħla s-smewwiet daqs-hekk ieħor huma triqati 'l fuq minn triqatkom, u l-fehmiet Tiegħi mill-feh-miet tagħkom*" (Isaija 55:8-9).

## LI ĠĠIB ISMIJIET TAL-BNEDMIN

Aħna ma nakkużawx lil dawk li jġibu ismijiet tal-bnedemin bħala li huma *immorali* talli jagħmlu dan. Madankollu, dak li huma qegħdin jagħmlu huwa *reliġjożament* ħażin. Dawn ma jistgħux jinġiebu permezz tal-fidi għaliex mhumiex awtorizzati fit-Testment il-Ġdid (Rumani 10:17)

> "*U kullma ma hux mill-konvinzjoni tal-fidi hu dnub*" (Rumani 14:23).

Ismijiet tal-bnedmin jikkawżaw il-firda li hija biċ-ċar ikkundannata fil-Bibbja. L-appostlu Pawlu jgħid hekk dwar dan:

> "*Nitlobkom, ħuti, f'isem Sidna Ġesù Kristu, biex tkunu taqblu fi kliemkom u ma jkunx hemm firdiet fostkom. Kunu magħqudin kif imiss, ruħ waħda u feħ-ma waħda. Ħuti, in-nies ta' Kloe qaluli fuqkom li fostkom hemm it-tilwim: ir-rid ngħid jien, li kull wieħed minnkom qiegħed jgħid, "Jiena ta' Pawlu", "U jiena ta' Apollo', "U jiena ta' Kefa", "U jiena ta' Kristu", Jaqaw Kristu mif-rud? Forsi Pawlu kien li ssallab għali-kom jew f'isem Pawlu tgħammidtu?*" (1 Korintin 1:10-13; ara wkoll 3:1-9).

Id-dixxipli ta' Kristu kienu msejħa *Kristjani* biss:

> "*…Kien f'Antijokja li d-dixxipli għal l-ewwel darba sejħulhom 'Kristjani'*" (Atti 11:26b).

L-appostlu Pietru jgħid li aħna nsofru bħala Kristjani (1 Pietru 4:16). Jekk dan l-isem ma kienx mogħti permezz ta' l-ispirazzjoni, ħadd fuq l-art m'għandu d-dritt li jġibu. Jekk dan mhuwiex l-isem il-ġdid imħabbar f'Isaija 62:2, allura x'inhu l-isem il-ġdid?

Meta n-nies iġibu ismijiet reliġjużi li d-dixxipli ta' Kristu ma kinux iġibu, bħal per eżempju, Protestanti, Anglikani, Kattoliċi Rumani, Ortodossi, Pentekostali, Xhieda ta' Ġeħovah, Kristadelfjani, u ħafna u ħafna oħrajn li nisimgħu bihom illum, u dawn in-nies ikunu f'denominazzjonijiet mhux imsemmija lanqas darba biss fil-Kelma ta' Alla, dan żgur li hu *reliġjożament* ħażin u għalhekk dnub. Dan mhuwiex tagħmir fid-dottrina ta' Kristu. Li ssejjaħ lilek innifsek Dumnikan, Franġiskan, Tereżjan, Pawlin, eċċ., *moralment* ma fih xejn ħażin, imma ċertament li *reliġjożament* qiegħed imur kontra dak li l-Ispirtu s-Santu nebbaħ lil Pawlu biex jikteb fl-1 Korintin 1:10-13 u 3:1-9! Dan imur kontra x-xewqa ta' l-Ispirtu s-Santu u għalhekk huwa dnub! (1 Ġwanni 3:4; Atti 4:19; 5:29).

## TITLI U UNURI

Fil-Bibbja Mqaddsa kollha, aħna qatt ma nsibu l-kelma "reverendu" wżata b'konnessjoni ma' xi isem ieħor ħlief ma' dak ta' Alla li Jista' Kollox. Naqraw dwar dan, f'Salm 111:9,

> "*Bagħat jifdi lill-poplu tiegħu, waqqaf għal dejjem il-patt tiegħu. Qaddis u tal-biża' (Reverendu) hu ismu!*"

Għalhekk, predikaturi ta' l-Evanġelju li naqraw dwarhom fil-Bibbja mkien ma jżidu dan l-isem ma' tagħhom, jiġifieri, "Reverendu"—la quddiem isimhom u anqas wara. (U wisq u wisq aktar it-titlu: "**Wisq** Reverendu). Ġesù ikkundanna titli reliġjużi ta' unur. Bi kliem l-aktar ċar, Ġesù ordna,

> "*U ssejħu lil ħadd missierkom (father) fuq din l-art, għax il-Missier tagħkom wieħed hu, dak li hu fis-smewwiet. Hekk ukoll tħallux min isejħilkom mexxejja, għax il-mexxej tagħkom wieħed hu, il-Messija*" (Mattew 23:9-10).

Għalhekk, li tindirizza qassis Kattoliku jew Protestant bħala "Father" u "Reverendu" *moralment* ma hemm xejn ħażin imma *reliġjożament* huwa dnub għaliex tkun qiegħed f'diżubbidjenza għal dak li kkmanda l-Mulej tagħna Ġesù Kristu!

Ukoll fit-talba Tiegħu lill-Missier (u mhux lill-bnie-dem), Ġesù ndirizzah bħala "*Missier Qaddis*":

> "*U jien ma għadnix aktar fid-dinja, iżda huma għadhom fid-dinja, u jiena ġej għandek. **Missier Qaddis,...***" (Ġwanni 17:11; enfasi tiegħi).

Xi wħud iħossuhom insulentati għaliex aħna, bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid, ngħidulhom li Kristu jikkundanna li nsejħu lill-bniedem "Holy Father" kif fil-fatt jagħmlu huma. Imma billi l-Mulej jgħidilna li WIEĦED Hu l-Missier Qaddis (Holy Father) għalihom dan ma jimpurtax jekk il-Missier il-WIEĦED

tas-smewwiet iħossux insulentat jew le! ġesù Kristu jgħid hekk f'Rivelazzjoni 15:4 dwan Alla,

> "*…Għax int **waħdek qaddis:…***"

Li ssejjaħ bniedem, kap ta' knisja, bħala "Holy Father" *moralment* ma hemm xejn ħażin imma *reliġjożament* huwa dnub għaliex tkun qiegħed tmur direttament kontra l-Kelma ta' Alla (Mattew 23:9; Ġwanni 17:11). Jekk Alla Hu WAĦDU QADDIS (Holy) u "WIEĦED HU L-MISSIER," allura trid tassew tkun prużunzjoni kbira li tapplika dawk it-titli għalik innifsek bħala sempliċi bniedem!

> "*Jiena l-Mulej, dan hu ismi; **ma nċedi lil ħadd** il-glorja tiegħi…*" Isaija 42:8).

Kull bniedem huwa fil-libertà jekk jobdix lill-Mulej jew jobdix lill-bniedmin. Imma mbagħad meta jasal il-waqt li wieħed ikollu jagħti kont lill-Mulej ta' dak li jkun għamel meta kien għadu ħaj fil-ġisem (2 Korin-tin 5:10), ikun tard wisq biex jirranġa s-sitwazzjoni tiegħu. Kull ma jisma' minn fomm il-Mulej ikun:

> "*…'Lilkom qatt ma kont nafkom! War-rbu minn quddiemi, intom li tagħmlu l-ħażen!'*" (Mattew 7:23; ara minn vers 21).

Il-Mulej jgħidilna:

> "*Għaliex issejħuli, 'Mulej,' u mbagħad ma tagħmlux dak li ngħid jien?*" (Luqa 6:46).

# TĦALLI BARRA L-IKLA TAL-MULEJ

Fi żmien l-appostli, il-knisja kienet tiltaqa' fl-ewwel jum ta' kull ġimgħa biex taqsam il-ħobż (Atti 20:7). Huma kienu jżommu sħiħ fil-qsim tal-ħobż (Atti 2:42). L-istorja sekulari turi li wara li l-appostli ispirati kollha kienu mietu, il-knisja kompliet taqsam il-ħobż kull l-ewwel jum tal-ġimgħa, kull Jum tal-Mulej, għal xi sekli.

"Tqarbin ta' kull ġimgħa ma mietx ma' l-appostli u sħabhom. Hemm ħafna xhieda li juru li dan kien miżmum mill-Kristjani ta' warajhom, b'kura kbira u b'imħabba, għal aktar minn żewġ sekli. Mhux neċessarju li nkabbar dawn il-paġni bi kwotazzjonijiet. Il-fatt hu li ma tistax tiċħdu" (Dr. John Mason, Presbyterian, N.Y., fl-ittri tiegħu dwar it-Tqarbin Frekwenti).

Dawk li jonqsu milli jieħdu sehem fl-Ikla tal-Mulej (jitqarbnu) f'kull l-ewwel jum tal-ġimgħa, il-Ħadd, mhumiex *immorali*; imma dan hu *reliġjożament* ħażin b'hekk tkun qiegħed tħalli barra mill-adurazzjoni dak li l-Mulej ikkmanda li wieħed għandu jagħmel (Luqa 22:19). Taħt is-superviżjoni ta' l-appostli hekk kif huma kienu iggwidati fil-verità kollha (Ġwanni 16:13), il-knisja tal-bidu kienet mgħallma biex tosserva l-Ikla tal-Mulej kull l-ewwel jum tal-ġimgħa. Hija r-rieda tal-Mulej li aħna nagħmlu hekk ukoll illum.

Sfortunatament, għal xi wħud, l-ordni tal-Mulej ġiet imwarrba fil-ġenb u minflok ma jieħdu sehem fl-Ikla tal-Mulej *kull l-ewwel jum tal-ġimgħa* (Atti 20:7), xi wħud jieħdu sehem darba fis-sena, oħrajn darba f'xahar, waqt li oħrajn dan jagħmluh kuljum.

*Moral-ment* m'hemm xejn ħażin li wieħed jitqarben darba fis-sena, darba f'xahar, jew kuljum, imma *reliġjoża-ment* huwa ħażin għaliex huwa ksur dirett tal-kmand tal-Mulej!

## STATWI RELIĠJUŻI

Li tagħmel statwa ta' xi persuna prominenti fix-xena edukattiva jew medika jew politika jew f'xi qasam ieħor ma hemm xejn ħażin. Li tagħmel statwa fih innifsu ma hemm xejn ħażin *moralment*. Imma li tagħmel statwa *reliġjuża* huwa direttament ksur tal-liġi ta' Alla u għalhekk ikun dnub kontra l-Ħallieq! Eżodu 20:4 jgħid:

> "*LA TAGĦMILX għalik suriet minquxa u* ***ebda*** *xbieha ta'* ***ebda*** *ħaġa li hemm fl-għoli tas-sema, jew isfel fl-art, jew fil-baħar taħt l-art*" (enfasi tiegħi. Ara wkoll Dewteronomju 5:8).

Fit-Testment il-Ġdid hemm kundanna għal statwi reliġjużi fejn naqraw f'Atti 17,

> "*Kemm dan f'Ateni jistenniehom, Pawlu kien* ***jinkedd fih innifsu*** *jara l-belt mimlija idoli...Imbagħad Pawlu, f'nofs l-Arjopagu, qabad jitkellem: "Irġiel ta' Ateni, qiegħed nara li intom f'kollox nies* ***mill-aktar reliġjużi****. Jiena u għad-dej u nħares lejn* ***ix-xbihat qaddisa tal-qima tagħkom****….Mela ladarba aħ-na nisel ta' Alla, ma għandniex naħsbu* ***li hu***

> ***jixbaħ lid-deheb jew lill-fidda jew lill-ħaġar, qisu xbieħa ġejja minn sengħet u moħħ il-bniedem****. Alla għalaq għajnejh sakemm il-bned-min kienu għadhom ma jafux; issa għa-rrafhom li kulħadd għandu jindem,* ***hu fejn hu****. Għax hu għażel jum li fih għandu jagħmel ħaqq ġust mid-dnija permezz ta' bniedem li ħatru hu u ta' dan kollu ta prova quddiem kulħadd billi lilu qajmu mill-imwiet*" (versi 16, 22, 29-31; enfasi tiegħi; aqra versi 16-31).

Li tagħmel statwa ma hemm xejn ħażin *moralment* imma li tagħmel statwa *reliġjuża* huwa *reliġjożament* ħażin għaliex Alla jgħid b'mod l-aktar ċar:

> "LA TAGĦMILX..." (Eżodu 20:4; Dewteronomju 5:8).

Kull min **jagħmel** statwi reliġjużi u kull min jaċċet-tahom ikun qiegħed jikser direttament il-liġi ta' Alla u b'hekk ikun qiegħed jidneb (1 Ġwanni 3:4).

## INŻUL FUQ L-IROKOPPA QUDDIEM STATWI U BNEDMIN

Li tinżel għarkupptejk quddiem statwa jew xi per-suna bħala rispett ma hemm xejn ħażin *moralment* imma jekk xi ħadd jagħmel dan f'sens *reliġjuż*, allura dak ikun qiegħed imur kontra l-Kelma ta' Alla u jkun qiegħed jikser il-kmandament ta' Alla u b'hekk ikun qiegħed jidneb.

Illum aħna naraw ta' kuljum nies jinżlu għarkupptejhom quddiem kapijiet tal-knisja tagħhom u jbusulhom idejhom. Ukoll dan isir quddiem statwi. Dan huwa dnub għaliex il-Bibbja Mqaddsa tikkundannah blaktar mod ċar. Naqraw f'Eżodu 20:5,

> "*LA TMILX QUDDIEMHOM; La tadurahomx għaliex jiena hu l-Mulej Alla tiegħek, Alla għajjur,...*"

Jista' jkun aktar ċar minn hekk il-kmandament? Mela għaliex għadna naraw nies jinżlu għarkupptejhom jew jitbaxxew quddiem statwi speċjalment dawk li jsejħulhom mirakolużi!! Forsi li l-Mulej Alla tagħna qalilna biex dan **ma nagħmluhx** ma jiswa xejn?

Dwar nies jinżlu għarkupptejhom jew jittbaxxew quddiem kapijiet tal-knisja tagħhom ukoll huwa kkun-dannat fil-Kelma ta' Alla fejn għandna eżempji ċari biex żgur ma jkollna ebda skuża. F'Atti 10:25-26 għa-ndna eżempju għalina fejn l-appostlu Pietru m'aċċet-tax qima bħal dik:

> "*Xħin daħal Pietru, Kornelju mar jilqgħu u* ***ntefa' f'riġlejh jagħtih qima****. Imma Pietru qajmu u qallu: "Qum. Jien bniedem ukoll*" (Atti 10:25-26).

Li tintefa' f'riġlejn persuna reliġjuża huwa dnub u wkoll kull persuna li taċċetta dan tkun qed tidneb! L-appostlu Pietru kien jafu sewwa dan u għalhekk m'aċċettahx! Imma sfortunatament, ħafna kapijiet tal-knejjes illum dan jaċċettawh u ma jimpurtahomx minn dak li tgħid il-Kelma ta' Alla.

Għandna eżempju ieħor ta' appostlu ieħor imma f'dan il-każ kien quddiem *anġlu* u mhux quddiem bniedem li l-appostlu Ġwanni niżel biex jagħtih qima. Naqraw f'Rivelazzjoni 19:10,

> "*U jiena nżilt f'riġlejh quddiemu u nxħett nagħtih qima: iżda hu qalli: "**Hekk le!** Jiena qaddej bħalek u bħal ħutek li għandhom ix-xhieda ta' Ġesù. **Il-qima lil Alla tagħtiha**.'…*"

Biex ikompli jiċċara kemm dan huwa ħażin, Ġwanni jkompli hekk f'Rivelazzjoni 22:8-9,

> "*Kont jiena stess, Ġwanni, li smajt u rajt dawn il-ħwejjeġ kollha. U, wara li smajthom u rajthom, inżilt quddiem l-anġlu li wrihomli biex nagħtih qima f'riġlejh, imma qalli: "**Hekk le!** Jiena qaddej bħalek u bħal ħutek il-profeti, u bħal dawk li jħarsu l-kelmiet ta' dan il-ktieb. **Il-qima lil Alla agħtiha.***"

Dan kien *anġlu* u mhux bniedem! Nistaqsi jiena, "Kemm-il darba aħna nisimgħu xi kap ta' knisja jgħid lil dawk li jinżlu għarkupptejohm quddiemu u jbusulu jdejh: "**Hekk le!**" Tinsiex li:

> "*Jeħtieġ nobdu **aktar lil Alla milli 'll-bnedmin***" (Atti 5:29).

Ngħidu x'ngħidu aħna, il-fatt jibqa' li kull min ja-għmel u jaċċetta dawn l-affarijiet ikun qiegħed jikser direttament il-liġi ta' Alla u b'hekk ikun qiegħed jid-neb kontra Alla (1 Ġwanni 3:4; Luqa 6:46).

## KAP JEW IR-RAS TAL-KNISJA

Li xi persuna tistqarr li hija r-ras tal-knisja ma tkun qed tagħmel xejn ħażin *moralment*. Imma li dik il-per-suna tistqarr li hija l-kap jew ir-ras tal-knisja *reliġjoż-ament* tkun qed tmur kontra l-Kelma ta' Alla u b'hekk tkun qed tidneb! Il-Kelma ta' Alla tgħidilna bl-aktar mod ċar min huwa r-Ras tal-Knisja:

> "*...li kollox jinġabar taħt Ras* ***waħda,*** *LI HU KRISTU, kull ma hu fl-art u kull ma hu fis-sema*" (Efesin 1:10b).

"Ras WAĦDA" u mhux tnejn! U Kristu bħala din ir-Ras Waħda, u mhux xi bniedem, huwa Ras fuq "*kull ma hu fl-art u kull ma hu fis-sema.*" Imma dan mhu-wiex biżżejjed. Il-Kelma ta' Alla tkompli tgħidilna dwar min huwa r-Ras tal-knisja ta' Kristu,

> "*Iva, qiegħed kollox taħt riġlejh, u għamlu* ***Ras fuq il-Knisja kollha****, li hi ġismu, il-milja ta' dak li jimla kollox f'kollox*" (Efesin 1:22-23; enfasi tie-għi).

Kristu Hu r-Ras fuq il-kinsja KOLLHA! Ma jista' jkun hemm ebda ras oħra fuq il-knisja! L-appostlu Pawlu jgħid hekk dwar ir-Ras tal-knisja li hu kien jin-sab fiha,

> "*Imma waqt li nagħmlu s-sewwa fl-im-ħabba nikbru f'kollox fih, f'dak* ***li hu r-Ras, Kristu***" (Efesin 4:15; enfasi tie-għi).

Kristu Hu r-Ras u mhux xi bniedem magħmul ir-ras tal-knisja mill-bnedmin! Kristu magħmul ir-Ras tal-knisja "minn Alla." Pawlu jkompli jgħid hekk f'Efesin 5:23,

> "*Għax ir-raġel hu ras il-mara, **bħalma Kristu hu Ras il-knisja,** is-salvatur tal-ġisem tiegħu*" (Enfasi tiegħi).

Ukoll naqraw f'Kolossin 1:18,

> "***Hu r-Ras tal-ġisem, li hu l-knisja** …*" (Enfasi tiegħi).

Pawlu, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, jagħtina din it-twissija:

> "*Tħallux lil min jisirqilkom il-premju billi jagħmilha ta' l-umli u taparsi jqim lil l-anġli, jimla rasu bil-viżjonijiet u moħħu bil-frugħat ta' bniedem li hu **bla ma jżomm mar-Ras** li minnha l-ġisem kollu, permezz ta' l-għekiesi u l-irbit tiegħu, jieħu l-għajxien u l-għaqda biex jikber skond ma jagħtih Alla*" (Kolos-sin 2:18-19; enfasi tiegħi).

Il-Kap tal-knisja ta' Kristu huwa Kristu Nnifsu u *Hu waħdu*! L-appostlu Pietru, li l-Kattoliċi jqisuh bħala r-ras tal-Knisja, jiċħad dan meta huwa jgħid bi kliem ċar x'kienet l-pożizzjoni tiegħu fil-knisja,

> "*Nitlob lill-presbiteri li hemm fostkom, **bħala presbiteru jien ukoll** u xhud tat-tbatijiet ta' Kristu, u bħala wieħed li għandu sehem mill-glorja li għad trid*

*tidher: irgħu l-merħla ta' Alla li hemm foPstkom. Ħudu ħsiebha, mhux bilfors, imnma minn qalbkom, kif irid Alla; mhux għall-qligħ baxx, imma bil-ħeġġa ta' l-imħabba; mhux bħallikieku taħk-mu bil-qawwa fuq dawk li messewkom b'xortikom, imma billi tkunu eżempju tal-merħla.* ***Imbagħad, meta jidher ir-Ragħaj il-Kbir****, tiksbu l-kuruna tal-glorja minsuġa minn ward li ma jid-bielx*" (1 Pietru 5:1-4; enfasi tiegħi).

Hawn, Pietru qiegħed jgħid b'mod l-aktar ċar li l-poż-izzjoni tiegħu hija l-istess bħal dik tal-presbiteri (isqfi-jiet jew xjuħ) l-oħra. Imma meta huwa jitkellem dwar ir-Ras tal-knisja, li Hu Ġesù Kristu, Pietru jsejjaħlu "r-Ragħaj il-Kbir." Il-kelma Griega għal "Ragħaj il-Kbir" hija *archipoimen* (*archè* "kbir," jew "kap" u *poimen*, "ragħaj"). Din tintqal għal Kristu biss. Kristu huwa l-*Arċisqof* tal-knisja Tiegħu. L-ebda bniedem ma jista' jieħu dik il-pożizzjoni. Li xi persuna tgħid li hija *r-ras* tal-knisja jew li hija l-*arċisqof* tal-knisja, *moralment* ma tkun qed tagħmel xejn ħażin. Imma jekk xi persuna taċċetta l-pożizzjoni ta' *ras* jew kap tal-knisja jew ta' *arċisqof* tal-knisja, dik il-persuna tkun qed tisraq lill-Mulej tagħna Ġesù Kristu dak li hu Tiegħu *waħdu* u b'hekk tkun qed tidneb *reliġjoża-ment*! Il-kittieb ta' l-Ittra lil-Lhud jgħid hekk dwar Ġesù Kristu:

> *"U Alla tas-sliem, li bis-saħħa tad-demm tal-patt ta' dejjem qajjem mill-imwiet lil Sidna Ġesù,* ***li hu r-Ragħaj il-Kbir tan-ngħaġ****, iwettaqkom b'kull ħaġa tajba biex tagħmlu r-rieda tiegħu; ħalli jagħmel hu fina dak li jogħġob lilu b'Ġesù Kristu, li lilu s-sebħ għal dej-jem ta' dejjem! Amen"* (Lhud 13:20-21; enfasi tiegħi).

Qatt ma jista' jkun hemm Ragħaj il-Kbir ieħor fuq l-art! Ġesù jgħid:

> "***Jiena*** *r-ragħaj it-tajjeb"* (Ġwanni 10: 11, 14; enfasi tiegħi).

Ġesù ma qalx "Jiena r-ragħaj it-tajjeb imma wara li nħallikom ikun hemm ragħaj ieħor jirrappreżentani fuq l-art"! Mhux hekk biss, imma Ġesù kompla jiċ-ċara dan meta qal,

> *"Għandi wkoll ngħaġ oħra, li mhumiex minn dan il-maqjel: lilhom ukoll jeħ-tieġ li niġbor, u huma jisimgħu leħni, u jkun hemm merħla waħda,* ***ragħaj wieħed****"* (Ġwanni 10:16; enfasi tiegħi).

Hawn Ġesù kien qiegħed jitkellem dwar li l-Lhud u l-Ġentili jkunu "merħla waħda" kif fil-fatt issa aħna (Galatin 3:26-29; Rumani 10:12). Jekk hemm merħla **waħda** hemm ukoll **ragħaj wieħed** u dan ir-**Ragħaj il-wieħed** ma hu ħadd ħlief Sidna Ġesù Kristu! Li xi persuna fuq l-art tassumi l-pożizzjoni ta' "ragħaj" tal-knisja ma tkun qed tagħmel xejn ħażin *moralment*,

imma din *reliġjożament* tkun qed tneħħi lill-Mulej mill-pożizzjoni Tiegħu!

Kull persuna li tistqarr li hija r-ragħaj il-kbir tal-knisja tagħha hija antikrist! Dik il-persuna tkun qed tisraq direttament lill-Mulej mill-pożizzjoni Tiegħu. Jekk xi ħadd ma jabilx ma' dan, imur jinqafel f'kamartu u jargumenta ma' Alla għaliex Alla jgħidu dan u mhux jien!

Naraw eluf ta' nies kważi jagħtu qima lill-kapijiet tal-knisja tagħhom, jinżlu għarkupptejhom quddiemhom u jbusulhom idejhom mingħajr lanqas biss ma jirrealizzaw li dak li qegħdin jagħmlu huwa ksur dirett tal-Kelma ta' Alla! Huma minn għalihom li dik il-persuna tirrappreżenta lil Kristu fuq l-art. Le, ebda persuna ma tista' tieħu dik l-awtorità għaliex Kristu Nnifsu jgħidilna:

> "***Lili*** *ngħatat kull setgħa fis-sema* ***u fl-art***" (Mattew 28:18; enfasi tiegħi).

Is-setgħa kollha hija ta' Kristu kemm fis-sema **u kemm fuq l-art**! Ħadd, ebda persuna ma tista' tistqarr li hija għandha dik is-setgħa! Meta kien hemm sitwaz-zjoni li fiha Ġakbu u Ġwanni riedu pożizzjoni għolja, il-Mulej wera x'pożizzjoni wieħed għandu jassumi għalih innifsu. Wara li Ġakbu u Ġwanni għamlu t-tal-ba tagħhom, naqraw hekk:

> "*Il-għaxra l-oħra, meta semgħu dan, saħnu għal Ġakbu u għal Ġwanni. Imma Ġesù sejħilhom u qalilhom: 'Tafu intom, dawk in-nies, li l-bnedmin igħodduhom bħala kapijiet tal-pagani,*

*jaħkmu fuqhom, u l-kbarat tagħhom fuqhom.* ***Fostkom ma għandux ikun hekk****, imma min irid ikun kbir fost-kom, għandu jkun qaddej tagħkom, u min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu joqgħod ilsir ta' kulħadd. Għax hekk ukoll Bin il-bniedem, hu ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra*" (Mark 10:41-45; enfasi tiegħi).

"Fostkom ma għandux ikun hekk" jgħidilna l-Mulej. Li xi persuna tieħu l-pożizzjoni ta' kap tal-knisja ma tkun qed tagħmel xejn ħażin *moralment*, imma *reliġ-jożament* din tkun qed tbiddel il-kliem "*fostkom* ***ma*** *għandux ikun hekk*" għal "*fostkom* ***għandu*** *jkun hekk*" u b'hekk tkun qed iġġib il-Kelma tal-Mulej fix-xejn! Għal darb'oħra, jekk xi ħadd ma jabilx ma' dan, imur jinqafel f'kamartu u jargumenta mal-Mulej Ġesù Kristu għaliex kien Hu li qalu dan u mhux jien!

Li xi ħadd jaqbel jew ma jaqbilx ma' dan mhuwiex sejjer jibdel il-kundanna li hemm tistenna lil dawk li jagħmlu dan. Il-Kelma ta' Alla tgħidilna li hemm "Ras" *waħda biss* tal-knisja u dik hija Sidna Ġesù Kristu.

"***Hu r-Ras tal-ġisem, li hu l-knisja*** *…*" (Kolossin 1:18; Enfasi tiegħi).

"*…li kollox jinġabar taħt Ras* ***waħda****, LI HU KRISTU, kull ma hu fl-art u kull ma hu fis-sema*" (Efesin 1:10b).

Ma hemm ras *spiritwali* (Kristu) u ras *fiżika* (bniedem). Sidna Ġesù Kristu Hu r-Ras fuq "*kull ma hu* ***fl-art*** *u kull ma hu* ***fis-sema***" Kull min jippretendi li *fuq l-art* huwa r-ras tal-knisja ikun qiegħed imur kontra l-Kelma ta' Alla u b'hekk ikun qiegħed jidneb!

## IT-TEMPJU TA' ALLA

Li tibni bini kollu skultura u pittura u tużah bħala mużew ta' l-arti *reliġjożament* ma hemm xejn ħażin. Imma li llum ikollok bini bħal dan bħala tempju ta' Alla *moralment* ma fih xejn ħażin imma *reliġjożament* tkun qiegħed tmur kontra l-Kelma ta' Alla.

Fil-Bibbja Mqadda aħna naqraw dwar tempji ta' Alla. Fil-fatt naqraw fejn:

> "*Ġesù daħal fit-Tempju ta' Alla, qabad ikeċċi 'l barra l-bejjiegħa u x-xerrejja kollha li kien hemm fit-Tempju, u qaleb l-imwejjed tas-sarrafa tal-flus u s-siġġijiet ta' dawk li kienu jbigħu l-ħamiem. U qalilhom: "Hemm miktub li 'id-dar tiegħi tkun tissejjaħ dar it-talb.' Intom, imma, għamiltuha għar tal-ħallelin!'*" (Mattew 21:12-13. Ara versi 14-23; ara wkoll Ġwanni 2:13-17).

Minn hawn naraw li fi żmien Ġesù kien hemm it-"tempju ta' Alla." Ġesù kien jgħallem kuljum fit-tempju (Mattew 26:55). Imma aktar wara l-qassisin il-kbar u s-Sanhedrin qalu li Ġesù qal,

> "*Dan qal, 'Nista' nħott it-Tempju ta' Alla u nerġa' nibnih fi tlitt ijiem.*" (Mattew 26:61).

Dan il-kliem insibuh fi Ġwanni 2:19-21:

> "*Ġesù weġibhom: "Ħottu dan it-tempju, u fi tlitt ijiem nerġa' ntellgħu." Għalhekk il-Lhud qalulu: "Dan it-Tempju ħa sitta u erbgħin sena biex inbena, u int se ttellgħu fi tlitt ijiem?" **Iżda hu tkellem fuq it-tempju tal-ġisem tiegħu***" (Enfasi tiegħi).

Minn hawn naraw, li skond Ġesù, hemm tempju ieħor, dak spiritwali, il-ġisem Tiegħu. Ġesù għex u miet taħt l-Epoka Lhudija. Imma aħna issa qegħdin fl-Epoka Kristjana. Illum il-Bibbja Mqaddsa tgħidilna li:

> "*Alla, li għamel id-dinja u kull ma fiha, u li hu sid is-sema u l-art, **ma joqgħodx f'tempji maħduma b'idejn il-bnedmin**.*" (Atti 17:24).

Għaliex? Għaliex it-tempju ta' Alla llum huwa aħna u mhux dak tal-ġebel! Naqraw fl-1 Korintin 3:16-17,

> "*Ma tafux li **intom** tempju ta' Alla, u li l-Ispirtu ta' Alla jgħammar fikom? Jekk xi ħadd jeqred it-tempju ta' Alla, Alla jeqred lilu. Għax qaddis hu t-tempju ta' Alla, **li huwa intom***" (ara wkoll 1 Pietru 2:5).

"Ma tafux?" jgħid l-appostlu Pawlu. Sfortunatament, illum huma ħafna li "ma jafux"! Imma Pawlu jkompli jgħid,

> "*Jew* ***ma tafux li ġisimkom hu tempju ta' l-Ispirtu s-Santu****, li jinsab igħammar fikom, li għandkom minn Alla? …*" (1 Korintin 6:19; enfasi tiegħi).

Għal darb'oħra, huma ħafna li dan ma jafuħx! Ukoll inkomplu naqraw dwar dan:

> "*X'rabta hemm bejn it-tempju ta' Alla ma' l-idoli?* ***Aħna t-tempju ta' Alla ħaj****….*" (2 Korintin 6:16; enfasi tiegħi. Ara wkoll Efesin 2:21-22).

Kif wieħed jista' jara minn dawn l-Iskritturi, it-tempju tal-ġebel issa spiċċa għal kollox. "Alla ***ma joqgħodx f'tempji maħduma b'idejn il-bnedmin****.*" (Atti 17: 24). Li xi ħadd jgħid li hemm 'Ġesù sagramentat' maqful fuq l-artal dan ikun qiegħed imur kontra l-Kelma ta' Alla għaliex hija tgħidilna:

> "*…Ma tafux intom li Kristu Ġesù* ***jinsab fikom?****…*" (2 Korintin 13:5; enfasi tiegħi).

Kristu Ġesù jinsab fina għaliex *aħna t-tempju Tiegħu* u mhux dak tal-ġebel! Għal darb'oħra Pawlu jistaqsi: "*Ma tafux…?*" Illum, iva, huma ħafna li għadhom ma jafux u li ma jridux ikunu jafu!

Li tibni tempju tal-ġebel għal Alla, kbir kollu deheb u fidda u pitturi u linef, u skulturi, eċċ., ma hemm xejn ħażin *moralment*, imma *reliġjożament*

huwa ħa-żin għaliex tkun qiegħed tmur kontra l-Kelma ta' Alla u b'hekk tkun qiegħed tidneb (1 Ġwanni 3:4).

> "*Alla, li għamel id-dinja u kull ma fiha, u li hu sid is-sema u l-art,* ***ma joqgħodx f'tempji maħduma b'idejn il-bnedmin****.*" (Atti 17:24).

Temmnu dan int jew le!

## ID-DIVINITÀ TA' KRISTU

Li wieħed jemmen jew ma jemminx fid-Divinità ta' Kristu *moralment* ma jkun qiegħed jagħmel xejn ħażin imma *reliġjożament* ikun qiegħed imur kontra t-tagħlim tal-Bibbja u kontra l-kliem tal-Mulej Innif-su. Ġesù jgħidilna:

> "*...Għax jekk ma temmnux li* ***jiena hu****, tmutu fi dnubietkom*" (Ġwanni 8:24; enfasi tiegħi).

Meta Ġesù qiegħed jgħid dan il-kliem Hu qiegħed jgħid li jekk aħna ma nemmnux li Hu tassew Alla (Eżodu 3:14), sejrin nintilfu għaliex inkunu qegħdin nidinbu *reliġjożament*. Meta naqraw versi 58, Ġesù jagħtina l-prova Tiegħu dwar x'fisser meta Hu qal: "Jiena Hu":

> "*Qalilhom Ġesù: Tassew, tassew, ngħidilkom:* ***Qabel ma*** *kien Abraham,* ***jien hu***" (Ġwanni 8:58; enfasi tiegħi).

Xi wħud jippruvaw jinterpretaw il-frażi "qabel ma kien" bħala li Ġesù Kristu kien jeżisti qabel Abraham

imma dan il-kliem ma jfissirx li Hu kien minn dejjem. Din l-interpretazzjoni hija żbaljata għal kollox għaliex Alla uża l-istess frażi dwaru Nnifsu fejn naqraw f'Salm 90:2,

> "***Qabel ma*** *twieldu l-muntanji, jew* ***qabel ma*** *int għamilt l-art u d-dinja, minn dejjem għal dejjem, int Alla.*" (enfasi tiegħi.)

Tfisser il-frażi "qabel ma" li Alla kellu bidu? L-istess Ġesù Kristu, Hu kien minn dejjem ta' dejjem! (Ara Ġwanni 1:1; 5:18; 10:30-38; 17:5; 18:5-6; 19:7—Levitku 24:16; 20:28; Filippin 2:5-7; Isaija 9:6; Atti 20:28—Lhud 13:13; Lhud 1:8; eċċ.).

## IS-SAĊERDOZJU

Fil-Bibbja naqraw dwar żewġ saċerdozji, is-saċerdozju Levitku (Lhud 7:11-14) u s-saċerdozju spiritwali, dak qaddis, dak irjali (Eżodu 19:6; 1 Pietru 2:5, 9). Imma llum, taħt it-Testment il-Ġdid, is-saċerdozju nbidel fejn naqraw hekk dwar dan:

> "*Għax jekk jitbiddel is-saċerdozju, jeħtieġ li titbiddel ukoll il-Liġi*" (Lhud 7:12. Aqra wkoll Lhud 8:1-7; 9:23-28; 10:8-14).

Li llum ikun hemm saċerdozju fuq l-istess sistema ta' l-Antik Testment (kif hemm f'xi knejjes Protestanti u f'dik Kattolika Rumana u Ortodossa) ma jkun hemm xejn ħażin *moralment* imma jkun ħażin *reliġjożament* għaliex dan ikun qiegħed iġib fix-xejn is-sag-

rifiċċju ta' Kristu fuq is-salib (Lhud 8:1-7; 9:11-14, 25-28; 10:10-14, 26-27).

Illum, fil-knisja ta' Kristu ma hemmx dik id-differenza bejn saċerdot (jew qassis) u lajċ. Kull Kristjan huwa qassis illum. U dwar dan il-Kelma ta' Alla titke-llem b'mod l-aktar ċar. Dwar is-saċerdozju l-ġdid il-Bibbja Mqaddsa tgħid hekk:

> "*Għax jekk* ***jitbiddel is-saċerdozju****, jeħtieġ li titbiddel ukoll il-liġi" (Lhud 7:12; enfasi tiegħi).*

Is-saċerdozju *tbiddel* kif ukoll il-liġi *tbiddlet*. F'Eżodu 19:6 naqraw hekk dwar is-saċerdozju l-ġdid:

> "'*Intom tkunu għalija saltna ta' qassisin u ġens qaddis.' Dan hu kliem li tgħid lil ulied Israel.*"

Dwar dan naqraw fl-1 Pietru 2:4-5, 9,

> "*Ersqu, mela, lejh, li hu dik il-ġebla ħajja li kienet imwarrba mill-bennejja, imma magħżula minn Alla bħala ġebla għażiża. U intom ukoll, bħal ġebel ħaj, jinbnew* ***f'dar spiritwali****,* ***saċerdozju qaddis*** *biex toffru* ***sagrifiċċji spiritwali****, li jogħġbu 'l Alla permezz ta' Ġesù Kristu…. Imma intom ġens maħtur,* ***saċerdozju rjali****, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih, biex ixxandru l-glorja ta' dak li sejħilkom mid-dlam għad-dawl tiegħu tal-għaġeb.*"

Hawn l-appostlu Pietru kien qiegħed ikellem lill-Kristjani u mhux lil xi sezzjoni ta' nies imsejħa saċerdoti jew qassisin.

L-appostlu Ġwanni wkoll jitkellem dwar il-qassisin b'mod ċar ħafna, fejn meta ndirizza lis-seba' knejjes li hemm fl-Asja qalilhom hekk:

> "*u li għamilna Saltna,* ***Qassisin*** *għal Alla tiegħu Missieru, lilu l-glorja u s-setgħa għal dejjem ta' dejjem. Amen.*" (Rivelazzjoni 1:4, 6; enfasi tiegħi).

Fil-knisja ta' Kristu kull Kristjan huwa qassis jew saċerdot bi Kristu bħala l-Qassis il-Kbir u ħadd aktar!

> "*Mela meta aħna għandna l-qassis il-Kbir, li hu tassew kbir, qassis li daħal fis-smewwiet, Ġesù, Bin Alla, ħa nżommu sħiħa l-fidi tagħna u nistqarruha. Għax aħna ma għandniex qassis il-kbir li ma jistax jagħder id-dgħufija tagħna, imma għandna wieħed li kien imġarrab bħalna f'kollox, minbarra fid-dnub*" (Lhud 4:14-15. ara wkoll Lhud 9:11-14).

Minn dan kollu nistgħu naraw kemm ikun żball li xi nies jaċċettaw saċerdozju separat u mhux is-saċerdozju magħmul mill-Kristjani kollha. *Moralment*, li jkollok saċerdozju separat ma hemm xejn ħażin, imma *reliġjożament*, li jkollok saċerdozju bħal dak huwa ksur tal-liġi ta' Alla (1 Ġwanni 3:4) u għalhekk huwa dnub kontra Alla.

Meta xi knisja jkollha saċerdozju, kif fil-fatt għandhom xi knejjes Protestanti u l-Knisja Kattolika Rumana, dawn ikunu qegħdin iġibu l-missjoni ta' Sidna Ġesù Kristu fix-xejn! Is-saċerdozju tbiddel u issa l-Qassis il-Kbir huwa Kristu u ebda bniedem fuq l-art ma jista' jkollu dik il-pożizzjoni (Lhud 7:12; 4: 14-15). Li xi persuna tieħu l-pożizzjoni ta' qassis il-kbir fil-knisja ma tkun qed tagħmel xejn ħażin *moralment* imma tkun qed tidneb *reliġjożament* għaliex tkun qed tisraq dik il-pożizzjoni minn Kristu!

## IS-SAGRIFIĊĊJU TAS-SALIB

Bil-mewt Tiegħu fuq is-salib, x'kiseb Sidna Ġesù Kristu? Il-Bibbja Mqaddsa tgħid hekk:

> "*Hu daħal* ***darba għal dejjem*** *fis-santwarju, mhux bis-saħħa tad-demm tal-mogħoż u tal-għoġiela, imma bis-saħħa ta' demmu stess,* ***u hekk kiseb fidwa għal dejjem***" (Lhud 9:12; enfasi tiegħi).

Dwar is-sagrifiċċju Tiegħu l-Bibbja Mqaddsa tgħidilna:

> "*Għax jekk wara li ħadna t-tagħrif sħiħ tal-verità nidinbu minn rajna,* ***ma hemmx sagrifiċċju ieħor għad-dnub xi jsir****. Jibqalna biss li nistennew bil-biża' l-ġudizzju u l-ħuġġieġa nar li teqred l-egħdewwa ta' Alla*" (Lhud 10:26-27).

Meta wieħed jaqra fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1367, p. 337, dan isib dan il-kliem:

> 1367 Is-sagrifiċċju ta' Kristu u s-sagrifiċċju ta' l-Ewkaristija huma *sagrifiċċju wieħed:* "Il-vittma hi waħda u l-istess, u l-istess hu dak li joffri bil-ministeru tas-saċerdoti u offra lilu nnifsu fuq is-salib. Il-mod kif issir l-offerta mhux l-istess". "F'dan is-sagrifiċċju divin li jseħħ fil-Quddiesa, hu l-istess Kristu, li darba offra lilu nnifsu bit-tixrid tad-demm fuq is-salib, joffri lilu nnifsu bla tixrid ta' demm." (Enfasi ta' l-awtur.)

F'1382, p. 341, dan jaqra hekk:

> Il-Quddiesa hi fl-istess ħin ħaġa waħda mat-tifkira **sagrifiċjali li fiha jiġġedded għal dejjem is-sagrifiċċju tas-salib** u l-ikla mqa-ddsa ta' l-għaqda tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu bit-Tqarbin. **Is-sagrifiċċju** ewkaristiku kollu kemm hu jrid iġib l-għaqda intima ta' l-insara ma' Kristu permezz tat-Tqarbin. Titqarben, jiġifieri tirċievi lil Kristu stess li offra lilu nnifsu għalina. (enfasi tiegħi. Ara wkoll 1330, minn paġna 328.)

Mela, hawn jintqal li "f'dan is-sagrifiċċju divin li jseħħ fil-Quddiesa, **hu l-istess Kristu, li darba offra lilu nnifsu**." Ukoll jintqal li "l-Quddiesa hi fl-istess

ħin ħaġa waħda mat-tifkira **sagrifiċjali li fiha jiġġedded għal dejjem is-sagrifiċċju tas-salib**.

Li tgħid dan il-kliem ma tkun qiegħed tagħmel xejn ħażin *moralment*. Imma *reliġjożament* tkun qiegħed tmur kontra l-Kelma ta' Alla! Ħalli naraw x'tgħid il-Kelma ta' Alla u naraw jekk taqbilx ma' dan li għadna kif qrajna mill-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika.

Il-Katekiżmu jgħid li: "Il-Quddiesa hi fl-istess ħin ħaġa waħda mat-tifkira sagrifiċjali **li fiha jiġġedded għal dejjem is-sagrifiċċju tas-salib**."Jista' s-sagrifiċċju ta' Kristu "jiġġeded għal dejjem"? Il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa tgħid LE!

> "*Li m'għandux bżonn, bħall-qassisin il-kbar l-oħra, joffri kulljum is-sagrifiċċju, l-ewwel għad-dnubiet tiegħu stess, imbagħad għad-dnubiet tal-poplu.* ***Dan hu għamlu darba għal dejjem***, *meta offra lilu nnifsu*" (Lhud 7:27; enfasi tiegħi).

Għal kuntrarju, il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jgħid li "fil-Quddiesa s-sagrifiċċju **jiġġeded għal dej-jem**" minflok li "s-sagrifiċċju **sar darba għal dej-jem**." Imma l-Bibbja Mqaddsa ma tiqafx hawn dwar dan. Hija tkompli tgħid:

> "*U daħal hemm mhux biex minn żmien għal żmien joffri lilu nnifsu bħalma l-qassis il-kbir jidħol kull sena fis-santwarju biex joffri demm ħaddieħor. Li kieku kien hekk, kien ikollu jbati ħafna drabi sa mill-ħolqien tad-dinja. Iżda is-*

*sa deher darba għal dejjem, meta waslet il-milja taż-żminijiet, biex ineħħi d-dnub bis-sagrifiċċju tiegħu nnifsu. U kif hu miktub għall-bnedmin li għandhom imutu* ***darba biss****, u wara dan isir il-ġudizzju,* ***hekk ukoll Kristu, wara li offra lilu nnifsu darba biss*** *biex jitgħ-abba bid-dnubiet ta' kulħadd, għad jer-ġa' jidher darb'oħra, mhux biex ineħħi d-dnubiet, imma biex isalva lil dawk li qegħdin jistennewh bil-ħerqa*" (Lhud 9:25-28; enfasi tiegħi).

Kemm-il darba għandhom imutu l-bnedmin? "*Darba biss*" (Lhud 9:27). Kemm-il darba Kristu offra Lilu Nnifsu? "*Darba biss*" (Lhud 9:28). Imma ħalli nkomp-lu nħallu l-Kelma ta' Alla tkompli tispjegalna fuq is-sagrifiċċju ta' Kristu.

"*Bis-saħħa ta' din ir-rieda aħna konna mqaddsin, permezz ta' l-offerta tal-ġisem ta' Ġesù Kristu* ***magħmula darba għal dejjem****. Kull qasis ieħor imur kul-ljum biex jaqdi l-ministeru tiegħu, u joffri u jerġa' joffri l-istess sagrifiċċju, bla ma jistgħu qatt ineħħu d-dnubiet. Imma Kristu, wara li offra sagrifiċċju* ***wieħed*** *għad-dnubiet, qagħad* ***għal dejjem*** *fuq in-naħa tal-lemin ta' Alla, fejn qiegħed jistenna sa ma l-għedew-wa tiegħu jitqiegħdu*

> *mirfes taħt riġlejh. Għax hu* ***b'offerta waħda*** *għamel per-fetti għal dejjem lil dawk li huwa jqad-des.* ***Dan jixhdulna l-Ispirtu s-Santu nnifsu:…*** " (Lhud 10:10-15; enfasi tie-għi).

Kemm-il darba kienet magħmula l-offerta ta' Kristu? "*Darba għal dejjem*" (Lhud 10:10, 14). Kemm-il sag-rifiċċju offra Kristu? "*Wieħed*" (Lhud 10:12). U min jixhdulna dan? "*L-Ispirtu s-Santu Nnifsu*" (Lhud 10: 15). Imma skond il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika din l-offeta l-waħda għandha "tiġġedded għal dej-jem." Li tgħid li din l-offerta *waħda* "tiġġeded għal dejjem" *moralment* ma tkun qiegħed tgħid xejn ħażin. Imma *reliġjożament* tkun qiegħed iġġib il-Kelma ta' Alla u x-xhieda ta' l-Ispirtu s-Santu Nnifsu fix-xejn!

Skond il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika Rumana fil-Quddiesa s-sagrifiċċju ta' Kristu fuq is-salib jiġġedded għal dejjem. Dan ifisser li kull darba li ssir Quddiesa Kristu jkun qiegħed jiġi offru bħala sagrifiċċju!

> "F'dan is-sagrifiċċju divin li jseħħ fil-Qudd-iesa, hu l-istess Kristu, li darba offra lilu nni-fsu bit-tixrid tad-demm fuq is-salib, joffri lilu nnifsu bla tixrid ta' demm." (1367b, p. 337.)

Imma kemm huwa differenti l-kliem ta' l-Ispirtu s-Santu dwar dan:

> "*Għax jekk wara li ħadna t-tagħrif sħiħ tal-verità nidinbu minn rajna,* ***MA HEMMX SAGRIFIĊĊJU IEĦOR***

> ***GĦAD-DNUB XI JSIR***" (Lhud 10: 26; enfasi tiegħi).

Skond il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika Rumana, iva, hemm sagrifiċċju ieħor għad-dnub xi jsir, il-Quddie-sa! (ara 1393-1395, minn paġna 334). Imma skond l-Ispirtu s-Santu ma hemmx! (Lhud 10:26.)

Aħna. Bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid, ordnati biex noffru sagrifiċċju f'kull ħin. Imma x'inhu dan is-sagrifiċċju? Il-Kelma ta' Alla tgħidilna hekk:

> "*B'Ġesù, mela, ejjew noffru f'kull ħin lil Alla* ***sagrifiċċju*** *ta' tifħir, jiġifieri l-kelma ta' xofftejna li tistqarr ismu*" (Lhud 13:15).

Alla jgħidilna ċar xi kwalità ta' sagrifiċċju l-Kristjani għandhom joffru. Is-sagrifiċċju li offra Sidna Ġesù Kristu fuq is-Salib qatt aktar ma jista' jerġa' jkun imġedded. Li xi ħadd jgħid li dan ikun imġedded fil-Quddiesa, *moralment* ma jkun qiegħed jagħmel xejn ħażin, imma *reliġjożament* ikun qiegħed inaqqas jew iġib fix-xejn il-mertu tas-sagrifiċċju tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu.

Biex nuża l-istess kliem li wżaw Pietru u Ġwanni, nistaqasi jien:

> "*Għidulna intom jekk hu sewwa quddiem Alla li aħna nisimgħu aktar minnkom milli minn Alla*" (Atti 4:19).

It-tweġiba ta' kull wieħed u waħda għandha tkun l-istess tweġiba li taw Pietru u Ġwanni:

"*Jeħtieġ li nobdu aktar lil Alla milli 'll-bnedmin*" (Atti 5:29).

Hija deċiżjoni li kull persuna għandha tieħu. Lil min jiena sejjer nobdi, lil Alla billi nagħmel dak li jgħid fil-Kelma Tiegħu, jew lill-bnedmin, billi nagħmel dak li jgħidu fil-kelma tagħhom! Hemm żewġ awtoritajiet biss fir-reliġjon: Waħda hija "*Għax Alla qal*" (Mattew 15:4), u l-oħra hija "*Imma intom tgħidu*" (Mattew 15:5). Li tobdi dak li "l-bnedmin jgħidu" *moralment* ma tkun qed tagħmel xejn ħażin imma *reli-ġjożament* tkun qed twarrab fil-ġenb dak li Alla jgħid!

Il-knisja ta' Kristu llum hija l-istess knisja li Ġesù bena. Din iġġib l-istess isem, tgħallem l-istess kondizzjonijiet għall-maħfra u tadura bl-istess mod. Aħna nimxu bil-fidi u mhux bil-viżjoni, u nagħmlu biss dak li nsibu awtorizzat fit-Testment il-Ġdid. Aħna ngħallmu affarijiet tal-Bibbja għal skopijiet tal-Bibbja, u ma għandna l-ebda kredu ħlief lil Ġesù Kristu. Aħna nħajru lil kull min hu nteressat f'ritorn komplut lejn Kristjaneżmu tat-Testment il-Ġdid biex hekk jobdi lill-Mulej u jieqaf magħna. Inti sinċerament mistieden /na biex tattendi l-knisja ta' Kristu.

"*Għaliex issejħuli, 'Mulej,' u mbagħad* ***ma tagħmlux*** *dak li ngħid jien?*" (Luqa 6:46; enfasi tiegħi).

"*Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda ta' l-Ispirtu s-Santu jkunu magħkom ilkoll*" (2 Korin-tin 13:13-14).